



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

10845/23

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0183 (NLE)

---

LIMITE

POLCOM 131  
WTO 89  
AGRI 344  
UD 141  
UK 135

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

---



FTEHIM  
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI  
BEJN L-UNJONI EWROPEA U  
R-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA SKONT L-ARTIKOLU XXVIII TAL-FTEHIM  
ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) TAL-1994,  
RELATAT MAL-MODIFIKA TAL-KONĊESSJONIJIET  
FUQ IL-KWOTI TARIFFARJI KOLLHA INKLUŻI FL-ISKEDA CLXXV  
TAL-UE BĦALA KONSEGWENZA  
TAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT MILL-UNJONI EWROPEA

A. Ittra mingħand l-Unjoni Ewropea

Sur/Sinjura,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati u l-konsultazzjonijiet li saru bejn l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“iċ-Ċina”) f’konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea CLXXV bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2.

Permezz ta’ dawn in-negozjati, iċ-Ċina u l-Unjoni jaqblu li jikkonkludu n-negozjati abbażi ta’ dan:

1. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u għall-finijiet biss tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, iċ-Ċina taqbel mal-prinċipju u mal-metodoloġija tat-tqassim tal-impnġi kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni li kienet tinkludi lir-Renju Unit, fejn parti mill-kwantità mqassma teħodha l-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit, u l-bqija tal-kwantità jeħodha r-Renju Unit.
2. Fir-rigward tal-kwoti tariffarji fejn iċ-Ċina għandha drittijiet ta’ negozjar jew ta’ konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, iċ-Ċina taqbel u hija sodisfatta bl-impnġi proposti tal-kwantitajiet tal-kwota tariffarja kif stabbilit fid-dokument G/SECRET/42/Add.2, meħuda mill-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit, soġġett għall-paragrafu 3.

3. Minkejja l-paragrafu 2, fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra, iċ-Ċina u l-Unjoni jaqblu mal-bidliet fl-impenji skedati kif stabbilit fih.
4. Dawn l-arranġamenti ma jippreġudikawx in-negozjati u l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Permezz ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni tista' tikkunsidra bidla fl-ishma u fil-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra jew dawk fid-dokument G/SECRET/42/Add.2. Fil-każ ta' tali bidla fir-rigward ta' impenn preċedenti ta' kwota tariffarja tal-Unjoni li għalih iċ-Ċina għandha dritt ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni, l-Unjoni għandha tikkonsulta maċ-Ċina biex tfittex eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi b'xi bidla bħal din, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni u iċ-Ċina se jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-Unjoni, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim għandu jidhul fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Għandi l-unur nissuġġerixxi li din l-Ittra u l-konferma tal-Gvern tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994. Dan il-Ftehim għandu jiffassal duplikament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, u bl-Ungeriż, u kull test ikun awtentiku ugwalment.

Sur/Sinjura għodni dejjem tiegħek,

*Għall-Unjoni Ewropea*

## Kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni   | Unità      | Termini u kundizzjonijiet oħra | Konċessjoni għall-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit |
|----------------------------|--|------------|--------------------------------|---|
| 046                        | Tewm   | tunnellati | Iċ-Ċina                        | 38 098  |
| 047                        | Karrotti u ġdur, friski jew imkessħin  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 1 244   |
| 051                        | Basal niexef   | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 9 770   |
| 074                        | Ross bil-ħliefa  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 7   |
| 080                        | Ross imfarrak  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 28 360  |
| 096                        | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih inqas minn 25% skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tat-tjur | tunnellati | Oħrajn                         | 33  |
| 110                        | Meraq tal-frott  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 6 551   |
| 112                        | Preparazzjonijiet tal-ikel   | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 783   |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni   | Unità      | Termini u kundizzjonijiet oħra | Konċessjoni għall-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit |
|----------------------------|--|------------|--------------------------------|---|
| 122                        | Preparazzjonijiet oħra tat-tip użat fl-għalf tal-animali: Ma fihomx prodotti tal-ħalib jew fihom inqas minn 10% skont il-piż ta' dawn il-prodotti  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 2 700   |
| 013                        | Plywood ta' speċijiet koniferi, mingħajr iż-żieda ta' sustanzi oħra: - li l-uċuħ tiegħu mhumiex ippreparati aktar ħlief bil-proċess tat-tqaxxir, eħxen minn 8,5 mm, jew - xkatlati, eħxen minn 18,5 mm | metri kubi | <i>Erga omnes</i>              | 448 500   |

B. Ittra mingħand ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Sur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

“Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati u l-konsultazzjonijiet li saru bejn l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“iċ-Ċina”) f’konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea CLXXV bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2.

Permezz ta’ dawn in-negozjati, iċ-Ċina u l-Unjoni jaqblu li jikkonkludu n-negozjati abbażi ta’ dan:

1. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u għall-finijiet biss tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, iċ-Ċina taqbel mal-prinċipju u mal-metodoloġija tat-tqassim tal-impnġi kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni li kienet tinkludi lir-Renju Unit, fejn parti mill-kwantità mqassma teħodha l-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit, u l-bqija tal-kwantità jeħodha r-Renju Unit.
2. Fir-rigward tal-kwoti tariffarji fejn iċ-Ċina għandha drittijiet ta’ negozjar jew ta’ konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, iċ-Ċina taqbel u hija sodisfatta bl-impnġi proposti tal-kwantitajiet tal-kwota tariffarja kif stabbilit fid-dokument G/SECRET/42/Add.2, meħuda mill-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit, soġġett għall-paragrafu 3.

3. Minkejja l-paragrafu 2, fir-rigward tal-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra, iċ-Ċina u l-Unjoni jaqblu mal-bidliet fl-impenni skedati kif stabbilit fih.

4. Dawn l-arranġamenti ma jippreġudikawx in-negozjati u l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO. Permezz ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni tista' tikkunsidra bidla fl-ishma u fil-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra jew dawk fid-dokument G/SECRET/42/Add.2. Fil-każ ta' tali bidla fir-rigward ta' impenn preċedenti ta' kwota tariffarja tal-Unjoni li għalih iċ-Ċina għandha dritt ta' negozjar jew ta' konsultazzjoni, l-Unjoni għandha tikkonsulta maċ-Ċina biex tfittex eżitu reċiprokament sodisfaċenti qabel ma tipproċedi b'xi bidla bħal din, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

L-Unjoni u iċ-Ċina se jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-Unjoni, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

Għandi l-unur nissuġġerixxi li din l-Ittra u l-konferma tal-Gvern tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994. Dan il-Ftehim għandu jiffassal duplikament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, u bl-Ungeriż, u kull test ikun awtentiku ugwalmart.”

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra t'hawn fuq.

*Għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*

## Kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni   | Unità      | Termini u kundizzjonijiet oħra | Konċessjoni għall-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit |
|----------------------------|--|------------|--------------------------------|---|
| 046                        | Tewm   | tunnellati | Iċ-Ċina                        | 38 098  |
| 047                        | Karrotti u ġdur, friski jew imkessħin  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 1 244   |
| 051                        | Basal niexef   | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 9 770   |
| 074                        | Ross bil-ħliefa  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 7   |
| 080                        | Ross imfarrak  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 28 360  |
| 096                        | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih inqas minn 25% skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tat-tjur | tunnellati | Oħrajn                         | 33  |
| 110                        | Meraq tal-frott  | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 6 551   |
| 112                        | Preparazzjonijiet tal-ikel   | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 783   |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni   | Unità      | Termini u kundizzjonijiet oħra | Konċessjoni għall-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit |
|----------------------------|--|------------|--------------------------------|---|
| 122                        | Preparazzjonijiet oħra tat-tip użat fl-għalf tal-annimali: Ma fihomx prodotti tal-ħalib jew fihom inqas minn 10% skont il-piż ta' dawn il-prodotti   | tunnellati | <i>Erga omnes</i>              | 2 700   |
| 013                        | Plywood ta' speċijiet koniferi, mingħajr iż-żieda ta' sustanzi oħra: - li l-uċuħ tiegħu mhumiex ippreparati aktar ħlief bil-proċess tat-tqaxxir, eħxen minn 8,5 mm, jew - xkatlati, eħxen minn 18,5 mm | metri kubi | <i>Erga omnes</i>              | 448 500   |